MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 187/2011

**Francesco Saverio sive Francis Cutajar u Maria Cutajar**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Francesco Saverio sive Francis Cutajar u Maria Cutajar fit-8 ta' Awwissu 2011, permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal jichad it-talba ghall-hlas avvanzata fil-konfront taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi u minflok jilqa' l-oggezzjoni taghhom Likwidazzjoni tal-Kummissarju, bl-ispejjez kontra l-istess Kummissarju tat-Taxxi, u dana peress illi: (i) it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi hija preskritta bid-dekors ta' sena ai termini ta' l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) il-valur dikjarat fil-kuntratt ta' trasferiment fl-atti tan-Nutar Dottor Mary sive Mariella Mizzi datat 11 ta' Jannar 2008 huwa l-valur reali u entro il-margini koncess il-Ligi peress illi l-

proprjetà giet akkwistata minn koppja separata li riedet tbiegh kemm jista’ jkun il-proprjetà taghha; u (iii) f’kaz li t-Tribunal kellu jiddetermina li il-prezz dikjarat fil-kuntratt ta’ trasferiment imsemmi kien il-prezz vertier izda kien anqas minn 85% mill-valur tas-suq, ai termini tal-Ligi l-Kummissarju tat-Taxxi seta’ jimponi biss hlas ta’ taxxa ulterjuri u mhux ukoll hlas ta’ taxxa addizzjonali jew penali;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. “FC1” sa’ Dok. “FC10” a fol. 7 sa’ 40 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta’ liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li: (i) in linea preliminari, it-talba ghall-hlas da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi ma hijiex preskritta; u (ii) fil-meritu d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi u Likwidazzjoni maghmula minnu huma gusti u saru skond il-Ligi;

Ra l-Kont bin-Numru IV 105309 datat 19 ta’ Gunju 2008 esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 59 tal-process;

Ra li b' Digriet datat 8 ta’ Marzu 2012 saret korrezzjoni fl-okkju tal-kaz u kull fejn mehtieg fl-atti tal-proceduri fis-sens li l-intimat gie indikat bhala Kummissarju tat-Taxxi u mhux Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Sema’ x-xhieda tar-Rikorrent Francis Cutajar[1] u x-xhieda ta’ Ivan Portelli in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi[2] moghtija waqt is-seduti tal-15 ta’ Novembru 2011 u tat-8 ta’ Marzu 2012 u ra d-dokument Dok. “IP1” esebit minn Ivan Portelli a fol. 68 tal-process;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti jikkontestaw Likwidazzjoni maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront taghhom ghall-hlas ta’ taxxa ulterjuri u taxxa

[1] Fol. 60 tal-process.
[2] Fol. 61 sa’ 64 tal-process.

addizzjonali in konnessjoni ma’ l-akkwist tal-fond Nru.26, Triq Monsinjur F.X. Mangion, Siggiewi, bis-sahha ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Mary sive Mariella Mizzi datat 11 ta’ Jannar 2008[3]. In linea preliminari r-Rikorrenti jibbazaw il-kontestazzjoni taghhom fuq l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li l-Likwidazzjoni ma nhargitx entro t-terminu ta' sena mill-avviz tal-kuntratt lill-Kummissarju. Il-Kummissarju tat-Taxxi jirribatti ghal dan l-aggravju preliminari tar-Rikorrenti bl-affermazzjoni li t-talba tieghu fil-konfront taghhom ma hijiex preskritta.

Ghalkemm ai termini ta' l-Artikoli 3 u 6 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta t-Tribunal ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza, kemm jekk ikunu ta' natura preliminari jew sostantiva, it-Tribunal hu tal-fehma li l-aggravju preliminari sollevat mir-Rikorrenti ghandu jigi trattat u deciz qabel ma jigi trattat il-meritu ta' l-Appell intavolat minnhom u ghalhekk ser jghaddi biex jippronuncja sentenza dwar tali aggravju.

Mill-atti processwali jirrizulta li n-Nutar Mary sive Mariella Mizzi tat avviz lill-Kummissarju tat-Taxxi ai termini ta' l-Artikolu 51(1) tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta ta’ l-att ta’ trasferiment datat 11 ta’ Jannar 2008, fis-17 ta’ Jannar 2008[4]. Jidher li l-Kummissarju tat-Taxxi hareg stima fil-konfront tar-Rikorrenti bil-Kont Nru. IV 105309 fid-19 ta' Gunju 2008[5], izda huma jikkontendu li l-ewwel darba li ircevew komunikazzjoni dwar din l-istima kien biss fit-12 ta' Marzu 2008 u cioè iktar minn sena wara li l-Kummissarju tat-Taxxi nghata avviz ta' l-att ta' trasferiment. Da parte tieghu l-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li l-istima fil-konfront tar-Rikorrenti datata 19 ta' Gunju 2008 inharget u giet notifikata lir-Rikorrenti entro t-Terminu ta' sena prefiss fl-Artikolu 52(5) tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex ma ghandux *returned envelope* ghal dak il-Kont.

---

3 Dok. “FC10” a fol. 36 u 37 tal-process.
4 Dok. “FC2” a fol. 14 sa’ 16 tal-process u xhieda ta’ Ivan Portelli moghtija waqt is-seduta tal-15 ta’ Novembru 2011 a fol. 61 sa’ 64 tal-process.
5 Fol. 59 tal-process.

F'tali rigward Ivan Portelli xehed illi *d-Dipartiment hareg likwidazzjoni ghal taxxa u dan kien datat 17 ta' Gunju ta' l-istess sena* [ossia ta' l-2008] *u ntbaghat bil-posta registrata fl-indirizz 37, Triq Carmelo Vassallo, Siggiewi. Sussegwentement wara dan id-dipartiment ircieva oggezzjoni minghand is-Sur Cutajar, id-data taghha hija 12 ta' Marzu 2009. Fil-fatt id-dipartiment wara dik l-oggezzjni, fid-data li ghadu kif semma' s-Sur Cutajar tat-23 ta' Gunju 2009, id-dipartiment irrisponda lis-Sur Cutajar fejn qed jghidlu, wara l-oggezzjoni tieghek il-file rega' ntbaghat ghand il-perit fejn ikkonferma l-valur li konna tajnieh l-ewwel darba. Imbaghad id-dipartiment hareg ir-rifjut fl-10 ta' Gunju ta' din is-sena*. B'referenza ghan-notifika tal-Kont mahrug f'Gunju 2008 Ivan Portelli xehed illi l-Likwidazzjoni fiha nnfisha ghad li tintbaghat bil-posta registrata ma tintbaghatx bil-*pink card* u jekk Likwidazzjoni ma tigix notifikata lit-*taxpayer* din tigi ritornata lid-Dipartiment. Fil-kaz in ezami xehed illi *m'ghandi l-ebda returned envelope, jigifieri ghalina l-kont gie imwassal fejn kellu jasal.* Mistoqsi jekk ghandux konferma li l-Kont effettivament gie notifikat lir-Rikorrenti, Ivan Portelli wiegeb li *il-konferma hija li ma regax gie lura, ghax ntbaghat fl-istess address ta' l-individwu li fil-fatt ikkonfermalna li ghadu joqghod hemm*. Mistoqsi mill-gdid jekk ghandux konferma bil-miktub li l-Kont effettivament gie notifikat lir-Rikorrenti, Ivan Portelli rrisponda li ma ghandux tali prova dokumentarja.

Min-naha tieghu r-Rikorrent kategorikament jichad li qatt ircieva interpellazzjoni ghall-hlas pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi bil-Kont Nru. 105309 qabel it-12 ta' Marzu 2009. In effetti waqt ix-xhieda li ta fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2011[6] ir-Rikorrent iddikjara li *l-ewwel darba li jien ircevejt avviz ghall-hlas minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien fit-12 ta' Marzu 2009.*

Il-Kummissarju tat-Taxxi ghandu favur tieghu u favur il-posizzjoni minnu adottata fil-kofront ta' l-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat mir-Rikorrenti, presunzjoni legali nascenti mill-Ligi, senjatament mill-Att dwar it-Taxxa Fuq

[6] Fol. 60 tal-process.

Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, u mir-Regolamenti dwar Servizzi Postali (Generali), Legislazzjoni Sussidjarja 254.01. In effetti l-Artikolu 61 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif applikabbli fiz-zmien li jidher li nhareg l-Avviz ta’ Likwidazzjoni meritu tal-kontestazzjoni, kien jipprovdi li *avviz moghti mill-Kummissarju ghall-finijiet ta’ dan l-Att ghandu jigi notifikat lill-persuna li lilha jkun indirizzat jew personalment jew billi jintbaghat bil-posta registrata fl-indirizz tan-negozju jew privat taghha l-ahhar maghruf* u r-Regolament 21 tar-Regolamenti dwar Servizzi Postali (Generali), Legislazzjoni Sussidjarja 254.01, li japplika ghal oggetti postali [li jinkludu oggetti ta’ korrispondenza[7]] impustati f’Malta biex ikunu kunsinnati f’xi post f’Malta, jipprovdi li *oggett postali li ma jistax jigi kunsinnat u li jkun igib fuqu indirizz ta’ ritorn li jista’ jinqara’ fuq in-naha ta’ barra ghandu jintbaghat lura mhux miftuh u kontrasenjat kif imiss lejn dak l-indirizz. Oggett postali li ma jistax jigi kunsinnat li ma jkunx igib fuqu indirizz ta’ ritorn li jista’ jinqara’ fuq in-naha ta’ barra, ghandu jinfetah mill-provditur ta’ servizz universali involut u jekk l-indirizz tal-mittent ikun jista’ jigi accertat, dan ghandu imbaghad jintbaghat lura lill-mittent taht forma ufficjali.*

Nonostante tali presunzjoni legali però t-Tribunal ma huwiex affattu konvint li l-Kont bin-Numru IV 105309 datat 19 ta’ Gunju 2008 kien gie notifikat lir-Rikorrenti f’xi zmien qabel Marzu ta’ l-2009 u entro t-terminu ta’ sena prefiss fil-Ligi. Di fatti fid-dawl ta’ certa rizultanzi fattwali pertinenti ghal dan il-kaz, it-Tribunal huwa tal-fehma li dan il-Kont ma kienx intbaghat lir-Rikorrenti fid-19 ta’ Gunju 2008 jew f’xi zmien qabel l-4 ta’ Marzu 2009, u ghalhekk il-presunzjoni legali favur it-tezi tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-kaz in ezami ma tistax tregi.

Fl-ittra tieghu lid-Dipartiment tat-Taxxi datata 12 ta’ Marzu 2009[8], ir-Rikorrent Francis Cutajar jghid: *b’referenza ghall-ittra taghkom datata 04.03.2009, liema ittra waslitli b’posta regolari illum, ninfurmakom illi qabel illum qatt ma kont notifikat bl-ebda mod illi kien hemm xi kont pendenti*

[7] Artikolu 2 tal-Kap.254 tal-Ligijiet ta’ Malta.
[8] Dok. “FC7” a fol. 33 tal-process.

*dwar taxxa jew penali fuq ix-xiri tal-fond fi Triq Mons. FX Mangion is-Siggiewi. Fil-fatt din hija l-ewwel darba li qed nigi mgharraf li ghandi nhallas is-somma indikata ta' €6,980. Filwaqt li nitlobkom gentilment tibghatuli l-kont in kwistjoni, nigbdilkom l-attenzjoni dwar il-fatt li nhar is-6 ta' Marzu 2009, il-vendituri rcevew kont datat 19.06.2008 printed fl-04.03.2009. Allura nassumi li bhalma l-kont li nhargilhom f'Gunju li ghadda, cioè disa' xhur ilu, intbaghat biss issa, anke fil-kaz tieghi il-kont li nhareg f'Gunju baqa' ma ntbaghtlix…*[9]

Mix-xhieda li ta Ivan Portelli waqt is-seduta tat-8 Marzu 2012[10] jirrizulta li l-ittra tad-Dipartiment tat-Taxxi datata 4 ta' Marzu 2009, li ghaliha jaghmel referenza r-Rikorrent fl-ittra tieghu lid-Dipartiment, kienet *in-notifikazzjoni tat-taxxa li trid tithallas.* Mid-dokument Dok. "IP1" esebit minn Ivan Portelli a fol. 68 tal-process jirrizulta lil Stephen Grima – il-venditur fuq il-kuntratt tal-11 ta' Jannar 2008 – ukoll kienet intbaghtitlu notifikazzjoni tat-taxxa li trid tithallas, fil-kaz tieghu taxxa addizzjonali *qua* venditur, *printed* fl-4 ta' Marzu 2009 izda ggib id-data bhala Kont tad-19 ta' Gunju 2008. It-Tribunal iqis li huwa al quanto inverosimili li kemm il-venditur kif ukoll il-kompratur fuq il-kuntratt datat 11 ta' Jannar 2008 kienu entrambe gew notifikati qabel l-4 ta' Marzu 2009 bil-Kont rispettiv taghhom datat 19 ta' Gunju 2008, bl-ebda wiehed minnhom ma jhallas jew joggezzjona ghal dak il-Kont tant illi d-Diparitment kien konstrett jerga' jibghat notifikazzjoni ohra fl-4 ta' Marzu 2009. Hija iktar verosimili l-probabilità li ghal xi raguni il-Kont IV105309 relattiv ghar-Rikorrent u l-Kont IV 105310 relattiv ghal Stephen Grima ma intbaghtux fid-19 ta' Gunju 2008 u ntbaghtu biss fl-4 ta' Marzu 2009, bil-Kont IV105309 jigi notifikat lir-Rikorrent fit-12 ta' Marzu 2009.

Hemm aspett iehor li juri bic-car illi l-Kontijiet imsemmija ma kienux intbaghtu fid-19 ta' Gunju 2008 u gew notifikati lit-*tax payers* f'xi zmien qabel ma ddekorra t-terminu ta' sena prefiss fl-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif xehed Ivan Portelli waqt is-seduta tat-8 ta'

---

[9] Sottolinear tat-Tribunal.
[10] Fol. 69 tal-process.

Marzu 2012 u kif jidher ukoll mid-dokument Dok. "IP1" l-"ittra" tad-Dipartiment datata 4 ta' Marzu 2009 hija notifikazzjoni ghall-hlas ta' taxxa skont kontijiet mahruga fid-19 ta' Gunju 2008, jigifieri disa' xhur qabel, b'dana ghalhekk li dik l-"ittra" tigi bhala forma ta' *reminder* jew interpellazzjoni mill-gdid ghall-hlas mid-Dipartiment lit-*tax payer*. Tali procedura però hija insolita ghad-Dipartiment tant illi fuq domanda li saret lil Ivan Portelli waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2011 jekk wara l-hrug tal-Kont fil-konfront tar-Rikorrenti kienx hemm xi forma ta' *reminders* da parte tad-Dipartiment, huwa rrisponda *le l-kont biss*.

Apparte minhekk a tenur ta' l-Artikolu 60 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta *meta ma tkun saret ebda oggezzjoni* [li ai termini ta' l-Artikolu 56(1) tal-Kap.364 trid tigi pprezentata fi zmien tletin gurnata mid-data tan-notifika ta' l-Avviz ta' Likwidazzjoni] *jew appell validu kontra l-likwidazzjoni, jew meta l-ammont tat-taxxa jkun gie miftiehem skond l-artikolu 56(2), jew meta l-ammont ta' taxxa u taxxa addizzjonali jithallas skond l-artikolu 52 ta' l-Att, ghar-rigward dik it-taxxa u t-taxxa addizzjonali hekk imhallsa, jew meta appell ikun gie irtirat jew cedut, jew meta l-ammont tat-taxxa li ghandha tithallas ikun gie stabbilit wara oggezzjoni jew appell, il-likwidazzjoni kif maghmula jew miftiehma jew kif stabbilita wara oggezzjoni jew appell, skond il-kaz, tkun finali u konkluziva ghall-finijiet kollha ta' dan l-Att…* u ai termini ta' l-Artikolu 60A tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta *likwidazzjoni li tkun finali u konkluziva skont l-artikolu 60 hija titolu ezekuttiv fi hdan it-tifsira u ghall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Jekk il-fattispecie tal-kaz kif imfissra mill-Kummissarju tat-Taxxi – u cioè li l-Kont IV105309 datat 19 ta' Gunju 2008 inbaghat lir-Rikorrenti f'dik id-data u gie notifikat lilhom ftit taz-zmien wara – senjatament mhux iktar tard mit-tielet jum wara d-data li jigi impustat (Artikolu 61(2) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta) - jigu ikkunsidrati fid-dawl ta' l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Ligi jirrizulta li bl-"ittra" ta' l-4 ta' Marzu 2009 il-Kummissarju flok ma ipproceda ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv li presumibilment dak iz-zmien kellu fil-konfront tar-Rikorrenti, rega' ta lill-istess

Rikorrenti l-opportunità li jikkontestaw it-talba tieghu ghall-hlas ta’ taxxa u taxxa addizzjonali skont kif provdut fil-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-assurdità ta’ tali xenarju hija lampanti u b’hekk ma huwiex verosimili li l-Kont IV105309 inbaghat lir-Rikorrenti fid-19 ta’ Gunju 2008 u gie notifikat lilhom ftit tal-granet wara.

Aspett iehor li serjament jimpingi fuq il-verosimiljanza tal-fatti kif esposti mill-Kummissarju tat-Taxxi huwa li r-Rikorrenti inghataw l-opportunità joggezzjonaw ghall-Kont presumibilment mahrug fid-**19 ta’ Gunju 2008** fit-**18 ta’ Marzu 2009** – u cioè **disa’ xhur** wara li dan l-istess Kont presumibilment inhareg u gie notifikat lir-Rikorrenti. Kif già iktar ‘l fuq osservat ai termini ta’ l-Artikolu 56(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, oggezzjoni ghal Likwidazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi ghandha titressaq fi zmien tletin gurnata min-notifika lit-*tax payer* ta’ l-Avviz ta’ Likwidazzjoni. Madanakollu ai termini tal-*proviso* ta’ dak l-istess Artikolu tal-Ligi *l-Kummissarju ghandu jtawwal l-imsemmi zmien skond kif ikun xieraq fic-cirkostanzi meta jkun sodisfatt li l-persuna ma setghetx tikkontesta l-likwidazzjoni minhabba nuqqas minn Malta, mard jew kull raguni ohra*. Fil-fehma tat-Tribunal il-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi tawwal iz-zmien favur ir-Rikorrenti biex setghu jressqu l-oggezzjoni taghhom ghall-Kont in kwistjoni, hija indikazzjoni cara li kien hemm raguni valida ghal dan u l-unika raguni li tirrizulta mill-provi prodotti hija dik li qabel l-4 ta’ Marzu 2009 il-Kont IV105309 qatt ma kien inbaghat lir-Rikorrenti.

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-unika verità li tirrizulta hi li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi l-Kont IV105309 datat 19 ta’ Gunju 2008 ma kienx dak iz-zmien intbaghat lir-Rikorrenti izda nbaghat lilhom biss fl-4 ta’ Marzu 2009 u gie notifikat fit-12 ta’ Marzu 2009, u b’hekk kjarament oltre t-terminu ta’ sena previst fl-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta. Konsegwentement, kif gustament affermat mir-Rikorrenti t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront taghhom hija preskritta u ghaldaqstant l-ewwel aggravju fuq liema jibbazaw l-Appell taghhom jisthoqq li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi, jilqa’ l-aggravju preliminari sollevat mir-Rikorrenti u jiddikjara li l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront taghhom kif nascenti mill-Kont IV 105309 preskritta. Konsegwentement jannulla l-Likwidazzjoni mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-Rikorrenti in konnessjoni mal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Mary sive Mariella Mizzi datat 11 ta' Jannar 2008.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-Kummissarju tat-Taxxi.

Ai termini ta’ l-Artikolu 58(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jordna li avviz ta’ din id-decizjoni, tad-data taghha u ta’ dak li effettivament gie deciz jintbaghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------